KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

BOT

ippreżentati fis-6 ta' Ottubru 2009 [1]

1. Din il-kawża għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tikkonċerna t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], mir-Repubblika Ċeka.

2. Id-Direttiva 2003/41 għandha l-għan li tiffaċilita t-twettiq tal-attivitajiet, mill-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali, fi Stati Membri għajr dak li fih ikunu stabbiliti. Għal dan il-għan id-direttiva tistabbilixxi regoli rigoruż ta' prudenza biex tipproteġi lill-benefiċjarji tal-pensjonijiet dovuti minn dawn l-istituzzjonijiet. Madankollu, id-Direttiva 2003/41 ma tikkontestax il-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw liberament is-sistemi tagħhom tal-pensjonijiet.

3. Ir-Repubblika Ċeka, sabiex tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, adottat dispożizzjonijiet li jawtorizzaw lill-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali stabbiliti fi Stati Membri oħra jipprovdu s-servizzi tagħhom fit-territorju tagħha u li jippermettu li l-impriżi hemmhekk stabbiliti jużaw dawn is-servizzi. Min-naħa l-oħra, hija naqset milli titrasponi d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva li jimponu obbligi fuq l-Istati Membri tal-oriġini ta' dawn l-istituzzjonijiet, minħabba li fit-territorju tagħha ma jeżistux istituzzjonijiet għall-pensjonijiet professjonali u li tali traspożizzjoni toħloq problemi fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-sistema tagħha tal-pensjonijiet.

4. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tikkunsidra li l-argumenti tar-Repubblika Ċeka huma infondati u titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li, billi naqas milli jittrasponi għadd ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/41, dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-imsemmija direttiva.

5. Fl-opinjoni tiegħi r-rikors tal-Kummissjoni huwa fondat. F'dawn il-konklużjonijiet ser nindika li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/41 li jimponu obbligi fuq l-Istati Membri, inkwantu Stati tal-oriġini tal-istituzzjonijiet għall-pensjonijiet professjonali, ma jirregolawx ir-rwol u l-funzjonijiet ta' dawn l-istituzzjonijiet fis-sistema ta' dawn l-Istati. Minn dan ser nasal għall-konklużjoni li t-traspożizzjoni sħiħa ta' din id-direttiva bl-ebda mod ma taffetwa l-organizzazzjoni

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Direttiva tat-3 ta' Ġunju 2003, dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali [professjonali] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4 p. 350).

tas-sistema tal-pensjonijiet fir-Repubblika Ċeka. Sussegwentement ser infakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-fatt li fi Stat Membru, ma teżistix l-attività rregolata minn direttiva, ma teħlisx lil dan l-Istat mill-obbligu li jittrasponiha u ser insostni li din il-ġurisprudenza hija applikabbli fil-kawża preżenti.

I — Id-Direttiva 2003/41

6. L-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali jaqgħu fl-ambitu ta' dak li huwa magħruf bħala t-"tieni pilastru", f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni tal-iskemi tal-irtirar mill-Istati Membri [3].

7. Id-Direttiva 2003/41 hija intiża sabiex tippermetti lil dawn l-istituzzjonijiet jipprovdu s-servizzi tagħhom fi Stati Membri oħra [4]. Skont il-premessa 6 ta' din id-direttiva, dan huwa l-ewwel pass lejn il-ħolqien ta' suq intern tal-iskemi tal-irtirar professjonali. Għal dan il-għan tistabbilixxi regoli rigorużi ta' prudenza fir-rigward tal-attivitajiet u l-kundizzjonijiet għat-tmexxija tal-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali biex tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni lill-pensjonanti ta' għada li ser jibbenefikaw mill-pensjonijiet imħallsa minn dawn l-istituzzjonijiet [5].

8. Madankollu, il-premessa 9 tad-Direttiva 2003/41 tipprovdi li din id-direttiva ma hijiex intenzjonata tqajjem dubji dwar l-organizzazzjoni, mill-Istati Membri, tal-iskemi tagħhom tal-pensjonijiet u lanqas, b'mod partikolari inkwantu jikkonċerna t-tieni pilastru, dwar id-definizzjoni, minn kull Stat, tar-rwol u tal-funzjoni tal-istituzzjonijiet li jipprovdu s-servizzi tal-irtirar professjonali [6].

9. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/41 li huma rilevanti għall-kawża preżenti, jikkonċernaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, il-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet mill-istituzzjonijiet għall- pensjonijiet professjonali u s-sistema partikolari tal-attivitajiet transkonfinali li jwettqu.

1. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/41

10. L-Artikoli 2, 3 u 6 tad-Direttiva 2003/41 jiddefinixxu f'termini mandatorji l-istituzzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħha u dawk l-istituzzjonijiet li huma esklużi.

3 — L-ewwel pilastru jiġbor fih is-sistemi obbligatorji pay-as-you-go. It-tielet pilastru jiġbor fih il-kuntratti individwali tat-tip assigurazzjoni fuq il-ħajja.

4 — Premessi 6, 8 u 36.

5 — Premessi 7 u 20.

6 — Il-Premessa 9 tipprovdi:
"Skond il-prinċipju ts-sussidjarjetà, l-Istati Membri għandhom iżommu responsabbiltà sħiħa għall-organizzazzjoni tal-iskemi tagħhom tal-pensjoni kif ukoll għad-deċiżjonijiet dwar ir-rwol li kull waħda minn dawn it-tlett "kolonni" [pilastri] tas-sistema ta' irtirar [tal-pensjonijiet] fi Stati Membri individwali. Fil-kuntest ta-tieni kolonna [pilastru], għandhom iżommu responsabbiltà sħiħa għall-irwol u l-funzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet varji li jipprovdu benefiċċji għal irtirar okkupazzjonali [professjonali], bħal fondi ta' pensjonijiet ma' firxa wiesgħa ta' l-industrija, fondi ta' pensjonijiet ta' kumpanniji u kumpanniji ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja. Din id-Direttiva mhix intiża sabiex titfa' xi dubji fuq din il-prerogattiva."

11. Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li din id-direttiva tapplika għall-istituzzjonijiet tal-irtirar, li indipendentement mill-forma legali tagħhom u minn isimhom, jiffunzjonaw skont il-prinċipju tal-finanzjament permezz tal-kapitalizzazzjoni [7], li ma jaqgħux taħt is-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-ewwel pilastru u li għandhom bħala għan li jipprovdu servizzi tal-pensjonijiet marbuta ma' attività professjonali abbażi ta' kuntratt jew ftehim kollettiv.

12. Huma b'mod partikolari esklużi l-istituzzjonijiet li jamministraw is-sistemi tas-sigurtà soċjali koperti mir-regolamenti Komunitarji ta' koordinazzjoni, l-istabbilimenti finanzjarji li huma diġà rregolati minn att Komunitarju ieħor (assigurazzjoni, skemi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli, kumpanniji li jipprovdu servizzi ta' investiment) kif ukoll l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar professjonali li jiffunzjonaw abbażi tal-pay-as-you-go.

13. Id-Direttiva 2003/41 tipprovdi wkoll dispożizzjonijiet ta' natura fakultattiva.

14. Għalhekk, skont l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, l-Istati Membri tal-oriġini [8] jistgħu jagħżlu li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva għall-attivitajiet ta' provvista tas-servizzi tal-irtirar professjonali, imwettqa mill-kumpanniji tal-assigurazzjoni. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/41, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawhiex, totalment jew parzjalment, għall-istituzzjonijiet stabbiliti fit-territorju tagħhom li jamministraw skemi ta' pensjonijiet li għandhom anqas minn 100 assoċjat, kif ukoll għall-istituzzjonijiet fejn il-provvista tal-pensjonijiet professjonali hija mandatorja abbażi ta' leġiżlazzjoni u hija garantita minn awtorità pubblika.

2. Il-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet mill-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali

15. Id-Direttiva 2003/41 tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jimponu għadd ta' obbligi fuq l-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali stabbiliti fit-territorju tagħhom.

16. Kull Stat Membru għandu għalhekk jobbligħom li jillimitaw l-attivitajiet tagħhom għall-provvista tas-servizzi tal-irtirar (Artikolu 7) u li jkunu legalment separati mill-kumpanniji li jisponsorjaw [9] (Artikolu 8). Għandu wkoll jiżgura, skont l-Artikolu 9, li

7 — Is-sistema ta' kapitalizzazzjoni hija kkaratterizzata mill-fatt li l-pensjonijiet huma ffinanzjati minn qabel u li l-ħlas tagħhom huwa ggarantit permezz tar-riżervi. Tiddistingwi ruħha mis-sistema pay-as-you-go, fejn il-kontribuzzjonijiet isiru immedjatament mal-ħlas tal-benefiċċji li jkunu għalqu.

8 — L-Istat Membru tal-oriġini huwa ddefinit fl-Artikolu 6(i), tad-Direttiva 2003/41 bħala l-Istat Membru li fih l-istituzzjoni jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha u l-amministrazzjoni prinċipali tagħha jew, jekk ma jkollhiex uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni prinċipali tagħha.

9 — Impriża li tisponsorja hija ddefinita fl-Artikolu 6(ċ) tad-Direttiva 2003/41 bħala kull impriża jew korp ieħor, irrispettivament ta' jekk jinkludix jew jikkonsistix minn persuna waħda jew iktar naturali jew ġuridika, li taġixxi bħala persuna li tħaddem jew f'kapaċità li taħdem għal rasha jew kombinazzjoni ta' dawn u li tħallas kontribuzzjonijiet lill-istituzzjoni għall-provvista ta' pensjonijiet professjonali.

kull istituzzjoni stabbilita fit-territorju tiegħu tkun irreġistrata fir-reġistru nazzjonali, tkun immexxija minn persuni idoneji u suġġetta għal regoli adegwati.

17. Kull Stat Membru għandu wkoll jiżgura li kull istituzzjoni stabbilita fit-territorju tiegħu tippreżenta l-kontijiet annwali (Artikolu 10) u tipprovdi l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/41 lill-membri u lill-benefiċjarji. Għandu wkoll iwaqqaf awtorità kompetenti li jkollha l-poteri meħtieġa biex tikkontrolla b'mod effettiv l-attività ta' dawn l-istituzzjonijiet (Artikolu 13).

18. Fl-aħħar nett, kull Stat Membru għandu jiżgura li kull istituzzjoni stabbilita fit-territorju tiegħu tippreżenta, f'intervalli regolari, il-prinċipji li jiggwidaw il-politika tagħha tal-investimenti finanzjarji (Artikolu 12), ikollha riżerva suffiċjenti biex tkopri l-obbligi tagħha (Artikoli 15 sa 17) u tinvesti l-assi tagħha skont il-prinċipju tal-kawtela (Artikolu 18).

3. Is-sistema partikolari tal-attivitajiet transkonfinali

19. Skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2003/41, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw lill-impriżi stabbiliti fit-territorju tagħhom li jagħmlu użu mis-servizzi tal-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali awtorizzati fi Stati Membri oħra. Għandhom ukoll jippermettu lill-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali stabbiliti fit-territorju tagħhom li jipprovdu s-servizzi tagħhom lill-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra.

20. Istituzzjoni li tixtieq tipprovdi servizzi transkonfinali għandha preliminarjament tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru tal-oriġini (Artikolu 9(5)).

21. Għal dan il-għan hija għandha, skont l-Artikolu 20(3) tad-Direttiva 2003/41, tindika lill-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru dak l-Istat Membru jew dawk l-Istati Membri li fih jew fihom tkun iddeċidiet li tipprovdi s-servizzi tagħha, l-isem tal-impriża li tisponsorja, kif ukoll il-karatteristiċi ewlenin tal-iskema tal-pensjonijiet li tkun ser tamministra. Skont l-Artikolu 20(4) ta' din id-direttiva, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għandha, ħlief jekk tqis li l-istituzzjoni inkwistjoni ma hijiex f'qagħda li tipprovdi s-servizz ikkonċernat, tinforma b'dan lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti fi żmien tliet xhur.

22. L-Artikolu 20(5) sa (10) tad-Direttiva 2003/41 jistabbilixxi l-mod ta' kif għandu jsir id-djalogu bejn l-awtoritajiet

kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati kif ukoll is-setgħat rispettivi tagħhom biex jiġi żgurat, b'mod partikolari, li l-provvista tas-servizzi titwettaq b'osservanza tad-dritt soċjali u industrijali tal-Istat Membru ospitanti.

23. Skont l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2003/41, l-Istati Membri kellhom jimplementaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom mal-imsemmija direttiva qabel it-23 ta' Settembru 2005 u kellhom jinformaw b'dan lill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 22(3) u (4), l-Istati Membri setgħu jipposponu l-applikazzjoni tal-Artikoli 17(1) u (2) u 18(1)(f) sat-23 ta' Settembru 2010, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn is-subartikoli.

II — Il-proċedura prekontenzjuża

24. Fil-11 ta' Lulju 2006, ir-Repubblika Ċeka informat lill-Kummissjoni li kienet ittrasponiet id-Direttiva 2003/41 fl-ordinament ġuridiku tagħha, permezz tal-Liġi Nru 340/2006 dwar l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fit-territorju tar-Repubblika Ċeka.

25. B'ittra tat-18 ta' Ottubru 2006, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lil dan l-Istat Membru fejn ikkonstatat li l-Artikoli 1 sa 5, 8, 9, 13 u 15 sa 21 ma kinux ġew trasposti jew kienu ġew trasposti biss parzjalment.

26. Ir-Repubblika Ċeka wieġbet permezz ta' ittra tat-18 ta' Diċembru 2006, fejn essenzjalment indikat li peress li fis-sistema tas-sigurtà soċjali tagħha ma hemmx it-tieni pilastru u peress li fit-territorju tagħha ma hemmx istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali, hija ma kinitx obbligata li titrasponi l-Artikoli tad-Direttiva 2003/41 li jippresupponu l-preżenza ta' dawn l-istituzzjonijiet.

27. B'ittra tat-23 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika Ċeka fejn ikkritikatha talli naqset milli tittrasponi b'mod sħiħ id-Direttiva 2003/41, u b'mod partikolari l-Artikoli 8, 9, 13, 15 sa 18 kif ukoll l-Artikolu 20(2) u (4).

28. Ir-Repubblika Ċeka wieġbet permezz ta' ittra tal-24 ta' Lulju 2007, fejn ikkonfermat il-pożizzjoni tagħha u kkontestat l-allegat nuqqas ta' traspożizzjoni li kien qed jiġi imputat lilha.

III — It-talbiet u l-argumenti tal-partijiet

29. Il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu permezz ta' att tat-18 ta' Lulju 2007, fejn talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

"1) tiddikjara li, billi ma adattatx id-dispożizzjonijiet tagħha ta' dritt nazzjonali sabiex tikkonforma ruħha bis-sħiħ mad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-3 ta' Ġunju 2003, dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali u b'mod partikolari billi ma ttrasponietx l-Artikolu 8, l-Artikolu 9 fit-totalità tiegħu, u l-Artikoli 13, 15 sa 18 u 20(2) u (4) tad-direttiva, ir-Repubblika Ċeka naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 22(1);

2) tikkundanna lir-Repubblika Ċeka għall-ispejjeż."

30. Ir-Repubblika Ċeka talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikors u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

31. Il-Kummissjoni ssostni li n-natura limitata tas-setgħat tal-Komunità fil-qasam tal-pensjonijiet bl-ebda mod ma tawtorizza lir-Repubblika Ċeka titrasponi biss ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/41. Fil-fatt, il-fatt li fi Stat Membru partikolari ma teżistix xi attività rregolata b'direttiva ma jeħlisx lil dak l-Istat mill-obbligu li jadotta liġijiet u regolamenti biex jiżgura t-traspożizzjoni adegwata tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dik id-direttiva. In-nuqqas tat-traspożizzjoni ta' direttiva huwa ammissibbli biss meta t-traspożizzjoni tirriżulta mingħajr skop minħabba raġunijiet ġeografiċi [10].

32. Il-Kummissjoni tqis li n-nuqqas tat-traspożizzjoni parzjali tad-Direttiva 2003/41 huwa ta' dannu serju għall-effikaċja ta' din id-direttiva. Fil-fatt, b'dan il-mod, ir-Repubblika Ċeka tkun qed tostakola t-twaqqif tal-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali fit-territorju tagħha. Issa, l-għan li jiġi stabbilit suq intern tal-iskemi tal-irtirar professjonali jkun serjament preġudikat li kieku kull Stat Membru jkun jista' jiddeċiedi li ma jikkonformax ruħu mal-obbligu tiegħu li jipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali fit-territorju tiegħu.

33. Il-Kummissjoni tippreċiża, f'dan ir-rigward, li d-Direttiva 2003/41 ma timponix fuq l-Istati Membri l-obbligu li jbiddlu l-organizzazzjoni tas-sistema tagħhom tal-pensjonijiet. Timponilhom biss, billi tistabbi-

10 — Il-Kummissjoni tikkwota s-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-214/98, Ġabra p. I-9601, punt 22), u tat-30 ta' Mejju 2002, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-441/00, Ġabra p. I-4699, punti 15 u 17).

lixxi regoli dwar l-aċċess għall-attivitajiet tal-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali u għat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet, l-obbligu li jipprovdu l-kuntest ġuridiku meħtieġ għall-imsemmija attivitajiet.

34. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza li l-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali, li huma ddefiniti fl-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 2003/41, ma għandhomx jiġu mfixkla mat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet. Effettivament, ma jistax jiġi eskluż li ċerti istituzzjonijiet li jwettqu attivitajiet fit-territorju tar-Repubblika Ċeka u li għandhom l-uffiċċju rreġistrat jew l-amministrazzjoni prinċipali tagħhom f'dan it-territorju jkunu jissodisfaw id-definizzjoni esposta fl-imsemmi Artikolu 6(a).

35. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tindika li, abbażi tal-informazzjoni li għandha, il-leġiżlazzjoni Ċeka ma tipprojbixxix it-twaqqif ta' istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali.

36. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li fi kwalunkwe każ u fid-dawl tal-ġurisprudenza, il-fatt li sal-lum fir-Repubblika Ċeka ma teżisti l-ebda istituzzjoni għall-irtirar professjonali li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/41, ma jeħlisx lil dan l-Istat Membru mill-obbligu li jittrasponiha fit-totalità tagħha. F'dan ir-rigward ma huwiex rilevanti wisq li l-liġi primarja tagħti lill-Istati Membri l-fakultà li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tal-iskema tal-irtirar inkwistjoni. Fil-fatt, l-obbligu li dawn l-Istati Membri għandhom li jittrasponu direttiva la jiddependi fuq il-bażi legali li fuqha din ġiet adottata u lanqas fuq il-qasam li taħtu din taqa', peress li dan l-obbligu jirriżulta mill-Artikolu 10 KE u mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE, kif ukoll mit-termini tal-imsemmija direttiva.

37. Ir-Repubblika Ċeka ma tqisx illi hija obbligata titrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/41, indikati fir-rikors odjern, fl-ordinament ġuridiku tagħha, peress li jekk tagħmel hekk hija tkun obbligata tintroduċi skema tal-irtirar professjonali li taqa' taħt it-tieni pilastru u b'hekk tbiddel il-prinċipji fundamentali tas-sistema tagħha tas-sigurtà soċjali, li l-organizzazzjoni tagħha taqa' kompletament taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.

38. Ir-Repubblika Ċeka tispjega, f'dan ir-rigward, li s-sistema tal-pensjonijiet tagħha ma tinkludix it-tieni pilastru. Fil-fatt s-sistema tagħha hija msejsa unikament, min-naħa, fuq sistema legali mandatorja stabbilita għall-assigurati kollha permezz tal-liġi dwar l-assigurazzjoni f'forma ta' pensjoni, li taqa' taħt l-ewwel pilastru u, min-naħa l-oħra, fuq l-assigurazzjoni f'forma ta' pensjoni addizzjonali, li taqa' taħt it-tielet pilastru. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali attwali, ma tistax titwaqqaf istituzzjoni għall-irtirar professjonali fit-territorju tar-Repubblika Ċeka biex titwettaq attività bħal din, peress li tkun tikser id-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' attività professjonali fis-suq finanzjarju u b'hekk tkun suġġetta għal passi

amministrattivi jew kriminali. Barra minn hekk, la hemm rieda politika u lanqas il-potenzjal ekonomiku suffiċjenti sabiex tiġi introdotta sistema ta' assigurazzjoni għall-irtirar professjonali.

39. Skont ir-Repubblika Ċeka, peress li l-ewwel inċiż tal-Artikolu 137(4) KE, li jikkostitwixxi waħda mill-bażijiet legali impliċiti tad-Direttiva 2003/41, iħalli f'idejn l-Istati Membri s-setgħa li jfasslu l-istruttura fundamentali tas-sistema tagħhom tas-sigurtà soċjali, wieħed ma jistax jeżiġi traspożizzjoni ta' din id-direttiva li tkun taffetwa l-eżerċizzju effettiv tad-dritt garantit mil-liġi primarja. Peress li d-dispożizzjonijiet indikati fir-rikors odjern jimponu obbligi fuq dawk l-Istati Membri li fit-territorju tagħhom huma stabbiliti istituzzjonijiet għall-assigurazzjoni talirtirar professjonali, it-traspożizzjoni tagħhom bil-fors li ġġib magħha l-ħolqien tal-kuntest ġuridiku meħtieġ għall-funzjonament ta' dawn l-impriżi fit-territorju tar-Repubblika Ċeka u b'hekk it-twaqqif tat-tieni pilastru f'dan l-Istat Membru, u dan għandu jaffettwa b'mod serju l-ekwilibriju finanzjarju globali tas-sistema nazzjonali tagħha talpensjonijiet.

40. Bħala eżempju, ir-Repubblika Ċeka tirreferi għall-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2003/41, li jistabbilixxi l-obbligu li l-istituzzjoni tiġi rreġistrata fir-reġistru nazzjonali jew inkella li tiġi awtorizzata. Il-ħolqien ta' reġistru adegwat jew ta' sistema adegwata għall-awtorizazzjoni neċessarjament jeżiġi l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni korrispondenti. Ma jkunx possibbli li tali leġiżlazzjoni tiġi adottata b'mod iżolat mingħajr ma jiġi stabbilit l-irtirar professjonali bħala sistema kumplessa, jiġifieri mingħajr ma jiġu ddefiniti, pereżempju, id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti.

41. Ir-Repubblika Ċeka tippreċiża li hija konxja mill-fatt li b'mod ġenerali, l-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali ma jistgħux jiġu mfixkla mas-sistema tat-tieni pilastru. Madankollu, dawn l-istituzzjonijiet huma element essenzjali fl-iskemi tal-irtirar u l-ħolqien ta' qafas għat-twaqqif tagħhom, bilfors li jġib miegħu emendi fis-sistema talpensjonijiet nazzjonali nnifisha.

42. Ir-Repubblika Ċeka tenfasizza, barra minn hekk, li t-traspożizzjoni li seħħet permezz tal-Liġi Nru 340/2006 tilħaq l-għan imfittex mid-Direttiva 2003/41. Din il-liġi filfatt tittrasponi d-dispożizzjonijiet kollha li jikkonċernaw il-provvista transkonfinali tasservizzi tal-irtirar professjonali min-naħa ta' kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra, biex b'hekk tippermetti lill-impriżi stabbiliti fit-territorju tagħha li jissieħbu ma' skemi ta' pensjonijiet proposti minn dawn il-kumpanniji, filwaqt li tippermetti lil dawn tal-aħħar li jkunu f'qagħda li jipproponu s-servizzi adegwati fir-Repubblika Ċeka.

43. Bi tweġiba għall-mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja fejn intalbet tippreċiża kif din l-awtorizazzjoni ta' użu tas-servizzi tal-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali stabbiliti fi Stati Membri oħra setgħet tiġi rrikonċiljata mal-assenza tat-tieni pilastru, ir-Repub-

blika Ċeka qalet li din il-provvista ta' servizzi ma kinitx ekwivalenti għat-twaqqif tat-tieni pilastru peress li dawn l-istituzzjonijiet joperaw taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru tal-oriġini tagħhom u li r-Repubblika Ċeka setgħet tinjoraha fl-evalwazzjoni tagħha tas-sodisfazzjoni tal-ħtiġijiet taċ-ċittadini tagħha.

44. Fl-aħħar nett, skont ir-Repubblika Ċeka, peress li l-ordinament ġuridiku intern tagħha ma jippermettix l-eżistenza tat-tieni pilastru, is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża preżenti ma tistax tiġi assimilata ma' dik tal-ġurisprudenza msemmija mill-Kummissjoni, dwar l-ineżistenza ta' attività fi Stat Membru. Għalhekk, f'dan il-kaz, l-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja hija eskluża, mhux minħabba ostakolu fattwali, dovut għal ċirkustanzi li jistgħu jinbidlu fi kwalunkwe mument, iżda minħabba ostakolu legali, marbut mal-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw l-istruttura fundamentali tas-sistema tagħhom tas-sigurtà soċjali.

IV — Evalwazzjoni

45. Preliminarjament, nixtieq nosserva li l-Kummissjoni, fir-rikors tagħha, tikkritika lir-Repubblika Ċeka talli naqset milli tittrasponi b'mod sħiħ id-Direttiva 2003/41 u, b'mod partikolari, l-artikoli li hija telenka.

46. Fl-opinjoni tiegħi dan ir-rikors huwa ammissibbli u ma għandux jiġi eżaminat biss inkwantu jikkonċerna d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/41 indikati b'mod espliċitu fir-rikors. Fil-fatt, mill-Artikolu 38(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-ġurisprudenza [11] jirriżulta li t-talbiet tar-rikors promotur għandhom ikunu abbozzati b'mod ċar u preċiż biex il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix *ultra petita* u lanqas tonqos milli tiddeċiedi fuq ilment partikolari.

47. Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi b'mod espliċitu li ma ttrasponitx l-Artikoli 8, 9, 13, 15 sa 18 kif ukoll 20(2) sa (4) tad-Direttiva 2003/41. Il-miżuri imposti f'dawn id-dispożizzjonijiet huma mandatorji, bħal pereżempju "(k)ull Stat Membru għandu […]" [12], "(l)-Istat Membru ta' oriġini għandu jassigura li […]" [13], jew "(l)-awtoritajiet kompetenti/(l)-Istat Membru ta' oriġini/(l)-Istati Membri għandhom […]" [14].

48. Barra minn hekk, id-Direttiva 2003/41 ma tistabbilixxi ebda derogi mill-obbligu ta'

11 — Ara b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C412/04, Ġabra p. I-619, punti 103 sa 105).

12 — Artikoli 8, 9 u 13.

13 — Artikoli 15 u 17.

14 — Artikoli 14, 16 u 18.

traspożizzjoni tal-artikoli kontenzjużi, minbarra dawk limitati ħafna u ta' natura temporarja, stabbiliti fl-Artikolu 22(3) u (4) tagħha [15].

49. Il-kritika tal-Kummissjoni fil-konfront tar-Repubblika Ċeka dwar in-nuqqas tat-traspożizzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 8, 9, 13, 15 sa 18 kif ukoll l-Artikolu 20(2) sa (4) tad-Direttiva 2003/41 hija għalhekk fondata.

50. Il-kwistjoni ċentrali ta' din il-kawża hija jekk ir-Repubblika Ċeka setgħetx legalment tastjeni milli twettaq din it-traspożizzjoni. Il-partikolarità ta' din il-kawża tinsab fil-fatt li skont dan l-Istat Membru, it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni tad-Direttiva 2003/41, li jimponu obbligi fuq l-Istati Membri inkwantu stat tal-oriġini, tobbligah ibiddel s-sistema tal-pensjonijiet tiegħu u għaldaqstant tippreġudika l-kompetenza tiegħu f'dan il-qasam.

51. Fil-fatt, skont ir-Repubblika Ċeka, it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi bil-fors li ġġib magħha l-ħolqien tal-kuntest ġuridiku meħtieġ għall-funzjonament ta' tali istituzzjonijiet fit-territorju tagħha u b'hekk twassal għat-twaqqif tat-tieni pilastru, b'effetti serji għall-ekwilibriju finanzjarju globali tas-sistema nazzjonali tagħha tal-pensjonijiet.

52. Naqbel mal-Kummissjoni li dan l-argument għandu jiġi miċħud u dan għar-raġunijiet segwenti.

53. Huwa paċifiku li l-Istati Membri żammew is-setgħa li jorganizzaw liberament l-iskemi tal-pensjonijiet nazzjonali tagħhom. Il-Komunità, li skont l-Artikolu 5 KE, għandha biss kompetenzi ta' attribuzzjoni, ma ngħatax is-setgħa li tirregola jew li tarmonizza dan il-qasam. L-Artikolu 137 KE, li jiddefinixxi l-kompetenzi Komunitarji fil-qasam tal-politika soċjali, jeskludi kwalunkwe setgħa ta' armonizzazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali, li minnu jagħmlu parti l-pensjonijiet relatati max-xjuħija. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 137(4) KE, id-dispożizzjonijiet adottati mill-Komunità abbażi ta' dan l-artikolu ma għandhomx jippreġudikaw il-fakultà mogħtija lill-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistema tagħhom tas-sigurtà soċjali jew jaffetwaw l-ekwilibriju finanzjarju tagħha.

54. Minn dan jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw liberament ir-rwol ta' kull wieħed mit-tliet pilastri tas-sistema tagħhom tal-pensjonijiet u, fir-rigward tat-tieni pilastru, ir-rwol u l-funzjonijiet tal-

15 — Skont l-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 2003/41, "(l)-Istati Membri jistgħu jipposponu sat-23 ta' Settembru 2010 l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 17(1) u (2) għal istituzzjonijiet li jinsabu fit-territorju tagħhom li fid-data speċifikata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jkollhomx il-livell minimu ta' fondi regolatorji proprji meħtieġa skond l-Artikolu 17(1) u (2)". Skont l-Artikolu 22(4) l-"Istati Membri jistgħu jipposponu sat-23 ta' Settembru 2010 l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18(1)(f) għal istituzzjonijiet li jinsabu fit-teritorju tagħhom. Iżda, istituzzjonijiet li jixtiequ joperaw skemi ta' pensjoni fuq bażi bejn il-fruntieri, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20, ma jistgħux jagħmlu dan sakemm ma jikkonformawx mar-regoli ta' din id-Direttiva."

istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali, kif imfakkar espliċitament fil-premessa 9 tad-Direttiva 2003/41. Dawn l-Istati jistgħu għalhekk jiddeterminaw il-limiti u l-kundizzjonijiet li taħthom l-impriżi stabbiliti fit-territorju tagħhom jistgħu jissieħbu ma istituzzjoni għall-pensjonijiet professjonali biex jiggarantixxu pensjoni lill-impjegati tagħhom.

55. Fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza riżervata, l-imsemmija Stati għandhom, ovvjament, josservaw l-obbligi tagħhom fil-kuntest tat-Trattat KE, li jfisser li jekk s-sistema tal-pensjonijiet ta' Stat Membru tirristrinġi waħda mil-libertajiet tal-moviment, dak l-Istat Membru għandu jkun f'qagħda li juri li dik ir-restrizzjoni hija ġġustifikata abbażi ta' raġuni valida u li hija proporzjonata mal-għan li trid tilħaq.

56. F'dan ir-rigward, tajjeb li wieħed ifakkar li l-ħtieġa li Stat Membru jżomm ekwilibriju finanzjarju fis-sistema tiegħu tal-pensjonijiet, tikkostitwixxi raġuni valida għar-restrizzjoni ta' waħda mil-libertajiet tal-moviment, kif jirriżulta b'mod espliċitu mill-Artikolu 137(4) KE, u mill-ġurisprudenza [16]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-Istati Membri għandhom marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni fl-organizzazzjoni tas-sistema tagħhom tal-pensjonijiet, f'dawk il-każijiet fejn din l-organizzazzjoni tirriżulta minn evalwazzjonijiet kumplessi ta' data finanzjarja [17].

16 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2004, Haackert (C-303/02, Ġabra p. I-2195, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 — Sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, Albany (C-67/96, Ġabra p. I-5751, punt 119).

57. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi jista' jkun il-każ li Stat Membru jistabbilixxi s-sistema tiegħu esklużivament abbażi tal-ewwel u t-tielet pilastri, u b'hekk jiddeċiedi li l-istituzzjonijiet għall-pensjonijiet professjonali ma għandu jkollhom l-ebda rwol fis-sistema tiegħu, mingħajr ma jikser id-dritt Komunitarju. Għandu jingħad li l-Kummissjoni mhux qed tikkontesta l-konformità tas-sistema tal-pensjonijiet Ċeka mad-dritt Komunitarju inkwantu r-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tibbażha esklużivament fuq l-ewwel u t-tielet pilastri.

58. Madankollu, din il-kompetenza rriżervata lill-Istati Membri ma tiġġustifikax il-pożizzjoni tar-Repubblika Ċeka, peress li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni tad-Direttiva 2003/41 ma jiddeterminawx ir-rwol u l-funzjonijiet tal-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali, fl-iskemi tal-pensjonijiet nazzjonali. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx l-għan li jarmonizzaw il-limitu u l-kundizzjonijiet li taħthom l-impriżi stabbiliti fit-territorju tal-Istati Membri jistgħu jissieħbu ma' dawn l-istituzzjonijiet.

59. Dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi li jippermettu li l-istituzzjonijiet stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru jipprovdu s-servizzi tagħhom fl-Istati Membri l-oħra. Jimponu għalhekk fuq l-Istati Membri kollha l-obbligu li jissuġġettaw l-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali stabbiliti fit-territorju tagħhom għal varji regoli rigorużi ta' prudenza maħsuba li jiggarantixxu livell għoli ta' sigurtà għall-pensjonanti ta' għada li għad iridu jibbenefikaw mis-servizzi tagħhom.

60. Dawn ir-regoli jikkonsistu, kif diġà esponejt, fis-separazzjoni legali bejn l-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali u l-impriżi li jissieħbu ma' dawn l-istituzzjonijiet, biex f'każ ta' falliment tal-impriżi, l-assi tal-istituzzjonijiet ikunu salvagwardjati (Artikolu 8), f'kundizzjonijiet ta' funzjonament intiżi li jiggarantixxu s-serjetá tal-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali (reġistrazzjoni f'reġistru nazzjonali jew awtorizazzjoni, tmexxija minn persuni ta' reputazzjoni tajba, regoli adegwati, provvedimenti tekniċi ċċertifikati minn persuna speċjalizzata, informazzjoni talmembri) (Artikolu 9), f'lista ta' informazzjoni li għandha tingħata lill-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 13), kif ukoll il-prova u l-amministrazzjoni tal-fondi suffiċjenti biex ikopru l-obbligi tagħhom (l-Artikoli 15 sa 18).

61. L-Artikolu 20(2) sa (4) tad-Direttiva 2003/41 jistabbilixxi, fl-aħħar nett, il-proċedura li istituzzjoni għall-irtirar professjonali għandha ssegwi meta tkun trid tipprovdi servizzi fi Stat Membru ieħor, kif ukoll ir-rwol tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn hija stabbilita.

62. Dawn ir-regoli fl-opinjoni tiegħi ma humiex tali li jikkonfutaw ir-rwol u l-funzjonijiet li l-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali għandhom fis-sistema tal-pensjonijiet ta' kull Stat Membru.

63. Bħala prova nesponi wkoll il-fatt li dawn ir-regoli kollha huma abbozzati f'termini mandatorji filwaqt li dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva 2003/41, bħall-Artikoli 4 u 5 tagħha, huma ta' natura espliċitament fakultattiva u li l-Artikolu 22 ta' din id-direttiva ma tistabbilixxi ebda derogi mill-obbligu ta' traspożizzjoni tal-imsemmija regoli, minbarra dawk limitati ħafna u ta' natura temporarja, stabbiliti fl-Artikolu 22(3) u (4) tagħha.

64. Rajna wkoll, barra minn hekk, li l-leġiżlatur Komunitarju qagħad attent li jfakkar, filpremessa 9 tad-Direttiva 2003/41, li din ma kellhiex tippreġudika l-kompetenza riżervata tal-Istati Membri li jorganizzaw l-iskemi tagħhom tal-pensjonijiet u b'mod partikolari li jiddefinixxu l-pożizzjoni tat-tieni pilastru. Il-kliem mandatorju tal-artikoli inkwistjoni, fid-dawl ta' dan, jikkonferma li l-leġiżlatur, jiġifieri b'mod partikolari l-Istati Membri nfushom, kien tal-opinjoni li t-traspożizzjoni ta' dawn l-artikoli ma kinitx tali li tikkonfuta din il-kompetenza.

65. It-traspożizzjoni, mir-Repubblika Ċeka, tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni tad-Direttiva 2003/41, għalhekk ma għandiex tobbliga lil dan l-Istat Membru jbiddel ir-rwol u l-funzjonijiet tal-istituzzjonijiet għall-pensjonijiet professjonali fis-sistema tiegħu talpensjonijiet u li jistabbilixxi t-tieni pilastru,

kuntrarjament għal dak li jsostni dan l-Istat. Din it-traspożizzjoni tista', madankollu, tobbligah jemenda r-regoli li permezz tagħhom ried jillimita dan ir-rwol u dawn il-funzjonijiet.

66. Ir-Repubblika Ċeka esponiet, fil-fatt, li skont il-leġiżlazzjoni tagħha, istituzzjoni għall-pensjonijiet professjonali ma tistax tistabbilixxi ruħha u topera fit-territorju Ċek, mingħajr ma tkun suġġetta għal passi amministrattivi jew kriminali. Min-naħa l-oħra, skont dan l-Istat Membru, l-impriżi stabbiliti fit-territorju tiegħu, għandhom id-dritt li jissieħbu ma' istituzzjoniet għall-irtirar professjonali stabbiliti fi Stati Membri oħra. Għaldaqstant, dan l-Istat Membru ried jillimita r-rwol tal-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali billi jipprojbixxi l-istabbiliment tagħhom fit-territorju tiegħu u mhux billi jirregola d-dritt tal-impriżi nazzjonali li jissieħbu ma' dawn l-istituzzjonijiet.

67. It-traspożizzjoni tal-kuntest legali previst bid-Direttiva 2003/41 għandha għalhekk twassal lir-Repubblika Ċeka biex temenda l-leġiżlazzjoni tagħha, inkwantu din tipprojbixxi lil dawn l-istituzzjonijiet milli jiġu stabbiliti fit-territorju tagħha. Madankollu, din l-emenda meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-direttiva ma tippreġudikax, fl-opinjoni tiegħi, il-kompetenza riżervata tar-Repubblika Ċeka peress li din il-kompetenza, kif diġà indikajt, tikkonsisti fid-determinazzjoni tar-rwol u tal-funzjonijiet ta' dawn l-istituzzjonijiet fis-sistema tagħha tal-pensjonijiet. Fi kliem ieħor, il-kompetenza riżervata tar-Repubblika Ċeka li tiddefinixxi r-rwol u l-funzjonijiet tal-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali fis-sistema nazzjonali tagħha, għandha titħaddem b'mod konformi maddritt Komunitarju u, b'mod partikolari, malkontenut tad-Direttiva 2003/41.

68. Dan l-Istat Membru, fl-opinjoni tiegħi, għandu għalhekk jistabbilixxi l-kuntest legali previst fid-dispożizzjonijiet ikkonċernati tad-Direttiva 2003/41, billi jneħħi, jekk ikun meħtieġ,, il-projbizzjoni li fit-territorju tiegħu jiġu stabbiliti istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali, u dan mingħajr il-ħtieġa li jbiddel ir-rwol u l-funzjonijiet li jixtieq jara mwettqa minn dawn l-istituzzjonijiet fis-sistema nazzjonali tiegħu tal-pensjonijiet u mingħajr ma jikkonfuta l-fatt li din is-sistema hija msejsa fuq l-ewwel u t-tielet pilastri. Ir-Repubblika Ċeka tista' għalhekk tistabbilixxi l-limiti u l-kundizzjonijiet li taħthom l-impriżi nazzjonali jistgħu jissieħbu ma' dawn l-istituzzjonijiet.

69. F'dan ir-rigward, nissottometti madankollu, li fit-tweġiba tagħha għad-domandi tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Repubblika Ċeka tenfasizza li l-possibbiltà li impriżi stabbiliti fit-territorju tagħha jissieħbu ma' istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali ma tippreġudikax l-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema tagħha tal-pensjonijiet. Ma nistax nifhem, fl-ispjegazzjonijiet ipprovduti mir-Repubblika Ċeka, għalfejn is-sitwazzjoni għandha neċessarjament tkun differenti jekk dawn l-istituzzjonijiet jiġu stabbiliti fit-territorju tagħha.

70. F'dan l-istadju tal-analiżi, l-aħħar kwistjoni li għad trid tiġi deċiża hija dik dwar jekk

Stat Membru huwiex obbligat li jittrasponi d-dispożizzjonijiet inkwistjoni tad-Direttiva 2003/41, meta, fid-dawl tal-mod ta' kif hija organizzata s-sistema tal-pensjonijiet tiegħu, l-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali ma għandu jkollhom l-ebda rwol jew rwol limitat ħafna f'din is-sistema. Fi kliem ieħor, irid jiġi stabbilit jekk Stat Membru huwiex imġiegħel jistabbilixxi dan il-kuntest legali, li x'aktarx jibqa' qoxra vojta inkwantu l-istituzzjonijiet għall-irtirar professjonali, peress li ma jkunux jistgħu effettivament, jew f'kundizzjonijiet suffiċjenti, joperaw f'dan l-Istat, fil-verità mhux ser imorru jistabbilixxu ruħhom hemmhekk.

71. Ir-risposta għal din id-domanda, fl-opinjoni tiegħi, toħroġ ċara mill-ġurisprudenza.

72. Fil-fatt minn ġurispridenza stabbilita jirriżulta li l-ineżistenza, fi Stat Membru, ta' attività rregolata minn direttiva ma teħlisx lil dan l-Istat Membru mill-obbligu li jittrasponi dik id-direttiva.

73. Pereżempju, fis-sentenza tal-15 ta' Marzu 1990, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi [18], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ineżistenza, fi Stat Membru, ta' prattiċi inkompatibbli jew ipprojbiti minn direttiva (il-każ kien jikkonċerna l-mezzi tal-kaċċa pprojbiti mid-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE [19]) ma tistax teħles lil dan l-Istat Membru mill-obbligu li jiżgura t-traspożizzjoni ta' din id-direttiva. Fuq l-istess linja, skont is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq [20], iċ-ċirkustanza li ebda biċċerija ma kienet ġiet awtorizzata fil-Greċja għall-qtil tal-annimali b'difer wieħed ma kinitx teħles lil dan l-Istat Membru milli jsemmi dawn l-annimali fil-leġiżlazzjoni tiegħu għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-taxxa dovuta taħt id-Direttiva tal-Kunsill 93/118/KE [21].

74. Fl-aħħar nett, fis-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2001, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda [22], u Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, iċċitata iktar 'il fuq, ġie deċiż li l-ineżistenza fl-Irlanda u fl-Irlanda ta' Fuq ta' ferroviji ta' veloċità għolja ma kinitx teħles lill-Irlanda u lir-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-obbligu li jittrasponu d-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE [23].

75. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ineżistenza taċ-ċirkustanza rregolata minn dawn id-direttivi ma kinitx rilevanti peress li l-għan ewlieni ma kienx biss li jkun hemm prevenzjoni fil-każ ta' bdil fl-istat ta' fatt, iżda fuq kollox li tiġi ggarantita, fi kwalunkwe ċirkus-

18 — C-339/87, Ġabra p. I-851, punti 22, 25 u 32.

19 — Direttiva tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1 p. 98).

20 — Punt 26.

21 — Direttiva tat-22 ta' Diċembru 1993, li temenda d-Direttiva 85/73/KEE fuq l-iffinanzjament tal-ispezzjonijiet tas-saħħa u l-kontroll fuq il-laħam frisk u tat-tjur (ĠU L 340, p. 15).

22 — C-372/00, Ġabra p. I-10303.

23 — Direttiva tat-23 ta' Lulju 1996, fuq l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja (ĠU L 235, p. 6).

tanza, l-applikazzjoni effettiva tad-direttivi [24]. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Istati Membri kellhom jadottaw il-kuntest ġuridiku li jkun jista' jiżgura l-applikazzjoni effettiva tad-direttiva inkwistjoni qabel l-iskadenza tat-terminu previst minnha, anki jekk, fil-fatt, dan il- kuntest ġuridiku ma kellux japplika immedjatament.

76. Huwa biss fil-każ fejn ma huwiex probabbli wisq li din is-sitwazzjoni fattwali tinbidel minħabba raġunijiet geografiċi li dan l-obbligu ta' traspożizzjoni ma jimponix ruħu [25].

77. Minn dan isegwi li hekk kif ikun probabbli li s-sitwazzjoni fattwali li trendi d-direttiva inoperattiva tinbidel u hekk kif, għalhekk l-imsemmija direttiva tista' effettivament tibda tapplika, din għandha tiġi trasposta biex l-effikaċja u l-applikazzjoni effettiva tagħha ma jiġux imdewma ladarba ċ-ċirkustanzi li jrenduha inoperattiva ma jibqgħux jissussistu.

78. Din il-ġurisprudenza, fl-opinjoni tiegħi tista' tiġi trasposta *a fortiori* għal sitwazzjoni bħal dik tal-kawża preżenti, fejn in-natura inoperattiva tad-direttiva ma tirriżultax minn sitwazzjoni purament fattwali u ma tiddependix neċessarjament mill-Istat Membru kkonċernat, iżda minn kuntest legali li jaqa' għal kollox taħt is-setgħa deċiżjonali tiegħu.

79. Minn naħa, fil-fatt, fil-każ tal-aħħar ipotesi, anki dan il-kuntest ġuridiku jista' jinbidel. Għalhekk huwa wkoll importanti li d-direttiva inkwistjoni tkun tista' tipproduċi immedjatament l-effetti kollha tagħha jekk l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li jemenda l-imsemmi kuntest.

80. Min-naħa l-oħra, inkwantu l-bidla tal-kuntest ġuridiku li jrendi d-direttiva inkwistjoni inoperattiva taqa' taħt is-setgħa ta' dak l-Istat Membru, għandha tiġi evitata t-tentazzjoni li dan l-Istat jista' jkollu li jżomm dan il-kuntest fl-istat li jkun fih, bl-għan uniku li jaħrab mill-obbligi imposti minn din id-direttiva.

81. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, li nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li r-rikors tal-Kummissjoni huwa fondat inkwantu jikkonċerna l-Artikoli 8, 9, 13, 15 sa 18 kif ukoll l-Artikolu 20(2) sa (4) tad-Direttiva 2003/41, u tikkundanna lir-Repubblika Ċeka għall-ispejjeż.

24 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (punti 22 u 25), u Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (punti 23 u 27).

25 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, iċċitati iktar 'il fuq (punt 17).

V — Konklużjoni

82. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara r-rikors odjern għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ammissibbli u fondat inkwantu jikkonċerna l-Artikoli 8, 9, 13, 15 sa 18 kif ukoll l-Artikolu 20(2) sa (4) tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-3 ta' Ġunju 2003, dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali [professjonali], u tikkundanna lir-Repubblika Ċeka għall-ispejjeż.